| 1862. | Pavel Gennadievich TOCHILIN<br><br>bir-Russu: Павел Геннадьевич ТОЧИЛИН | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC SPE 'Aerosila'<br><br>Data tat-twelid: 15.2.1977<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 504501388297<br><br>Entità assoċjata: JSC SPE 'Aerosila' (numru tar-reġistrazzjoni: 1025005917023) | Pavel Tochilin huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC SPE 'Aerosila'. JSC SPE 'Aerosila' hija żviluppatur u manifattur Russu tad-diversi partijiet tal-inġenji tal-ajru, pereżempju magni, skrejjen u fannijiet. JSC SPE 'Aerosila' tipprovdi l-prodotti tagħha lill-manifatturi tal-avjazzjoni domestiċi. Il-prodotti tal-kumpanija jintużaw biex jinħolqu inġenji tal-ajru militari li l-Forzi Ajruspazjali Russi jużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Pereżempju l-unità tal-enerġija tal-Vettura tal-Ajru Mingħajr Bdot Orion APD-115T hija mgħammra bi skrun AV-115 manifatturat minn JSC SPE 'Aerosila'. Barra minn hekk, il-Federazzjoni Russa għandha dritt speċjali ('golden share') għall-parteċipazzjoni fil-kontroll tal-JSC SPE 'Aerosila', li jippermetti lill-Federazzjoni Russa, dritt deċiżiv tal-vot fuq l-azzjonisti l-oħra meta tadotta deċiżjonijiet ewlenin.<br><br>Bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC SPE 'Aerosila', Pavel Tochilin huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpanija u għalhekk huwa jappoġġa u jibbenefika finanzjarjament mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 1863. | Andrey Viktorovich KOCHERGA<br><br>bir-Russu: Андрей Викторович КОЧЕРГА | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal'<br><br>Data tat-twelid: 24.3.1971<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772740415741<br><br>Entità assoċjata: PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal' (numru tar-reġistrazzjoni: 1022601930537) | Andrey Kocherga huwa d-Direttur Ġenerali ta' PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal'. PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal' hija waħda mill-manifatturi ewlenin ta' apparati radjuelettroniċi għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Hija tappartjeni lill-Rostec State Corporation. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa jużaw apparati prodotti minn PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal', bħal pjattaformi ta' kontroll mill-bogħod għal machine guns tat-tankijiet PKT, fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal' tejbet il-pjattaforma ta' kontroll mill-bogħod tal-machine guns għall-kontroll ta' machine gun tat-tankijiet ta' 7.62 mm, iddisinjata fl-2023, fuq talba diretta mill-militar Russu.<br><br>Bħala d-Direttur Ġenerali ta' PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal', Andrey Kocherga huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpanija u għalhekk jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1864. | Vladislav Vyacheslavovich KOSTIN<br><br>bir-Russu: Владислав Вячеславович КОСТИН | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Joint Stock Company VNIIR-Progress<br><br>Data tat-twelid: 28.10.1983<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772410397702<br><br>Entità assoċjata: VNIIR-Progress | Vladislav Kostin huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC VNIIR-Progress. JSC VNIIR-Progress hija istitut Russu tar-riċerka u l-iżvilupp li jispeċjalizza fil-produzzjoni ta' sistemi avvanzati ta' gwerra elettronika (electronic warfare - EW), li jiffukaw fuq teknoloġiji għall-imblukkar tas-sinjali u l-ġbir ta' intelligence. Wieħed mill-prodotti ewlenin tagħha huwa l-antenna Kometa, li hija mfassla biex tfixkel il-komunikazzjonijiet billi tinterferixxi mal-frekwenzi tar-radju, tas-satellita u tar-radar. Il-varjant Kometa-M, tip ta' antenna Kometa, użat f'apparati bħall-Vettura tal-Ajru Mingħajr Bdot Orlan-10 u kits tal-bombi ggwidati, juża arranġamenti adattivi ta' antenna biex itejjeb ir-reżistenza kontra l-interferenza elettronika, filwaqt li jiżgura mmirar preċiż anke taħt miżuri kontradittorji tal-EW. Armi li jinkorporaw antenni Kometa manifatturati minn JSC VNIIR-Progress jintużaw b'mod estensiv fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, għalhekk JSC VNIIR-Progress qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br><br>F'Awwissu 2023, Vladislav Kostin irċieva premju mill-organizzaturi tal-forum 'Army' għall-kontribut tiegħu għat-tisħiħ tal-forzi esterni tar-Russja.<br><br>Għalhekk, Vladislav Kostin, fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC VNIIR-Progress, qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1865. | Artyom Alexeevich ZDUNOV<br><br>bir-Russu: Артём Алексеевич ЗДУНОВ<br><br>magħruf ukoll bħala Artem ZDUNOV | Funzjoni: Kap tar-Repubblika ta’ Mordovia<br><br>Data tat-twelid: 18.5.1978<br><br>Post tat-twelid: Kazan, qabel USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 166008271036 | Artyom Zdunov huwa l-Kap tar-Repubblika ta’ Mordovia (suġġett federali Russu) minn tal-inqas mit-18 ta’ Novembru 2020. F’din il-pożizzjoni, Artyom Zdunov kellu rwol ta’ tmexxija fl-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu li jneħħi illegalment it-tfal Ukreni mir-reġjuni tal-Ukrajna li huma taħt il-kontroll temporanju Russu, b’mod partikolari billi organizza l-moviment tat-tfal minn reġjuni Ukreni okkupati, b’mod partikolari mir-reġjun ta’ Kherson u mill-Kalanchak Raion lejn ir-Repubblika ta’ Mordovia.<br><br>Artyom Zdunov jappoġġa wkoll l-attivitajiet tal-‘Movement of the First’ fit-territorji okkupati, entità elenkata mill-Unjoni u involuta f’diversi programmi mmirati biex jedukaw mill-ġdid it-tfal Ukreni, inkluż dawk deportati illegalment lejn ir-Russja.<br><br>Artyom Zdunov kien ukoll qed jissorvelja personalment l-appoġġ ipprovdut mir-Repubblika ta’ Mordova lir-rappreżentanti u l-forzi okkupanti fir-reġjun ta’ Kherson, inkluż permezz tal-kunsinna ta’ tagħmir militari.<br><br>Għalhekk, Artyom Zdunov huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll mal-‘Movement of the First’. | 16.12.2024 |
| 1866. | Nikolai Alexandrovich KOLESOV<br><br>bir-Russu: Николай Александрович КОЛЕСОВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta’ Russian Helicopters JSC<br><br>Data tat-twelid: 17.12.1956<br><br>Post tat-twelid: Kazan, qabel USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 166003912656 | Nikolai Kolesov huwa d-Direttur Ġenerali ta’ Russian Helicopters JSC. Bħala l-produttur primarju ta’ ħelikopters militari, Russian Helicopters JSC hija kumpanija ewlenija fi ħdan il-kumpless militari-industrijali Russu. Diversi tipi ta’ ħelikopters u hardware u tagħmir ieħor tad-difiża ta’ Russian Helicopters JSC qed jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta’ aggressjoni tagħhom kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, Nikolai Kolesov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma’ Russian Helicopters JSC. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1867. | Alexander Alekseevich BALASHOV<br>bir-Russu: Александр Алексеевич БАЛАШОВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Palstmass Plant<br>Data tat-twelid: 21.9.1951<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773610495096<br>Entità assoċjata: Joint Stock Company Plastmass Plant | Alexander Balashov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Plastmass Plant. JSC Plastmass Plant hija entità Russa u parti minn Rostec State Corporation, li tipproduċi munizzjon tal-artillerija għall-Forzi Armati Russi, b'mod partikolari għal howitzers, li jintużaw ħafna mill-militar Russu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Alexander Balashov qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 1868. | KIM Yong Bok<br>bil-Korean:<br>김영복<br>magħruf ukoll bħala KIM Young Bok | Funzjoni: Viċi Kap tal-Istat Maġġur tal-Armata tal-Poplu Korean<br>Post tat-twelid: Democratic People's Republic of Korea<br>Nazzjonalità: Nord Koreana<br>Sess: raġel | Kim Yong Bok huwa l-Viċi Kap tal-Istat Maġġur tal-Armata tal-Poplu Korean (KPA). Skont l-awtoritajiet Ukreni u tar-Repubblika tal-Korea, dan l-aħħar ġie skjerat fir-Russja flimkien ma' truppi tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, u huwa inkarigat mis-sorveljanza tal-iskjerament ta' dawn it-truppi tar-RDPK fir-Russja. Kim huwa ġeneral bi tliet stilel, li għandu esperjenza sinifikanti fit-tmexxija tal-forzi speċjali tar-RDPK magħrufa wkoll bħala l-11-il Korp. Huwa deher mill-inqas f'seba' avvenimenti mal-mexxej tar-RDPK Kim Jong Un fl-2024, fatt li indika r-rwol prominenti tiegħu fil-militar tar-RDPK.<br>Għalhekk, Kim Yong Bok qed jimplimenta u japoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 1869. | NO Kwang Chol<br>bil-Korean:<br>노광철 | Funzjoni: Ministru għad-Difiża tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>Data tat-twelid: 1956<br>Post tat-twelid: Nampo City, Democratic People's Republic of Korea<br>Nazzjonalità: Nord Koreana<br>Sess: raġel | No Kwang Chol huwa l-Ministru għad-Difiża tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (RDPK). Fil-kariga tiegħu, huwa direttament involut fil-kooperazzjoni militari bejn ir-RDPK u l-Federazzjoni Russa, inkluż l-iskjerament ta' suldati tar-RDPK fil-Federazzjoni Russa b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, No Kwang Chol qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1870. | Niels TROOST<br>magħruf ukoll bħala Niels Oscar TROOST | Funzjoni: Kummerċjant ta’ Prodotti Bażiċi (żejt, ċereali)<br>Data tat-twelid: 27.11.1969<br>Nazzjonalità: Netherlandiża<br>Sess: raġel<br>Individwi assoċjati:<br>— Maurice Taylor<br>— Michel Tuor<br>— Robin Luisier<br>Entitajiet assoċjati:<br>— Paramount Energy and Commodities SA (PECSA)<br>— Paramount Energy and Commodities DMCC magħrufa wkoll bħala بارامونت إنرجي آند كوموديتيز م.د.م<br>— Livna Shipping<br>— BAP LTD<br>— Cesco Holding SA | Niels Troost huwa negozjant Netherlandiż u l-uniku azzjonist ta’ EZI-DIAROC. EZI-DIAROC hija l-unika azzjonista ta’ Paramount Energy and Commodities SA (PECSA). PECSA tikkontrolla s-sussidjarja bbażata f’Dubai Paramount Energy and Commodities DMCC (Paramount DMCC).<br>F’Ġunju 2022 Paramount DMCC assumiet u kompliet mingħajr interruzzjoni n-negozju taż-żejt ta’ PECSA fil-konfront tar-Russja, filwaqt li ssottolinjat il-kontroll operazzjonali u strateġiku mill-qrib u dirett ta’ PECSA fuq is-sussidjarja tagħha, Paramount DMCC. Paramount DMCC ripetutament innegozjat iż-żejt mhux maħdum Russu bi prezz ogħla minn dak tal-limitu massimu għaż-żejt wara l-introduzzjoni tiegħu. Barra minn hekk, Niels Troost huwa affiljat ma’ Livna Shipping Ltd, li kienet qed tinnegozja żejt mhux maħdum bi prezz ogħla minn dak tal-limitu massimu għaż-żejt wara l-introduzzjoni tiegħu.<br>Permezz tal-istruttura tas-sjieda ta’ Paramount DMCC u l-kontroll tiegħu fuq Paramount DMCC u l-affiljazzjoni tiegħu ma’ Livna Shipping Ltd, Niels Troost b’hekk iffaċilita l-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) tal-Kunsill tal-UE Nru 833/2014 u d-Deċiżjoni 2014/512/PESK. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1871. | Larisa Aleksandrovna DOLINA<br><br>bir-Russu: Лариса Александровна ДОЛИНА<br><br>magħrufa wkoll bħala Larisa KUDELMAN (КУДЕЛЬМАН)<br><br>magħrufa wkoll bħala Larisa MIONCHINSKAYA (МИОНЧИНСКАЯ) | Funzjoni: Kantanta u attriċi<br><br>Data tat-twelid: 10.9.1955<br><br>Post tat-twelid: Baku, qabel USSR (issa Azerbaijan)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: mara | Larisa Dolina hija kantanta u attriċi Russa. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, Dolina spiss appoġġat l-azzjonijiet tar-Russja li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għal dak l-għan, Dolina ħadmet mal-Ministeru għad-Difiża Russu u mexxiet kampanji ta' intratteniment f'isem il-Gvern Russu biex tippremja lill-persunal militari Russu għall-parteċipazzjoni tiegħu fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, hija tat kunċerti pubbliċi fir-reġjun ta' Donbas okkupat mir-Russja f'koordinazzjoni mal-Gvern Russu.<br><br>Għalhekk hija tappoġġa l-azzjonijiet Russi li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u tappoġġa lill-Gvern Russu fir-rigward tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1872. | Li XIAOCUI<br>biċ-Ċiniż:<br>李晓翠<br>bir-Russu: Софья ЛИ<br>magħrufa wkoll bħala Sophia Li<br>magħrufa wkoll bħala Sophia Lee<br>magħrufa wkoll bħala Sofya Li | Funzjoni: Negozjant<br>Data tat-twelid: 31.3.1982<br>Nazzjonalità: Ċiniża<br>Sess: mara<br>Telefon: + 8613483690451<br>Posta elettronika: sophia@guang-xing.com, lixiaocui520@mail.ru, lixiaocui520@list.ru, hbgxmachinery_sophia@mail.ru<br>Individwi assoċjati:<br>— Yulia Gutik (sieħba kummerċjali Belarussa)<br>— Arkady Kondratenko (sieħeb kummerċjali Russu)<br>— Galkin Oleg Vladimirovich (sieħeb kummerċjali Russu)<br>— Li Bin (sieħeb kummerċjali Ċiniż)<br>— Xiao Xiao/'Ella Li' (sieħba kummerċjali Ċiniża)<br>Entitajiet assoċjati:<br>— ARCLM International Trading Co. Ltd<br>— Shijiazhuang Hanqiang Technology Co Ltd<br>— Hebei Suofu Trading Co. Ltd.<br>— Yiwu Haokui Electronic Firm<br>— Yiwu Junmiao Textile Firm | Li Xiaocui ('Sophia Li') hija negozjanta Ċiniża. Hija tikkontrolla u tirrappreżenta intrapriżi mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u Hong Kong li ġew iddeżinjati mill-Unjoni Ewropea talli kisret il-projbizzjonijiet kontra ċ-ċirkomvenzjoni tar-reġim ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni imposti fuq il-Federazzjoni Russa, jiġifieri ARCLM International Trading Co Ltd u Shijiazhuang Hanqiang Technology Co. Dak il-ksur jinkludi l-esportazzjoni ta' oġġetti elenkati lejn Unimatik, attur ewlieni fil-Kumpless Industrijali-Militari Russu. Li Xiaocui b'hekk iffaċilitat il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tar-reġim ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni imposta fuq il-Federazzjoni Russa u b'hekk fixklet b'mod sinifikanti wkoll id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Unjoni dwar il-miżuri restrittivi. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1873. | Artem Mikhaylovich YAMSHCHIKOV<br>bir-Russu: Артем Михайлович ЯМЩИКОВ | Funzjoni: Negozjant<br>Data tat-twelid: 11.10.1979<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 381000781179<br>Post: Irkutsk, qabel USSR (issa Russian Federation)<br>Entitajiet assoċjati:<br>— IEMZ Kupol<br>— OOO TSK Vektor (magħruf ukoll bħala LLC TSK Vektor)<br>— Xiamen Limbach Engine Co., Ltd<br>— Redlepus TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co., Ltd<br>— OOO Torgovyi Dom Vektor (INN: 3808184570) | Artem Yamshchikov huwa s-sid u d-Direttur Ġenerali ta' OOO TSK Vektor, kumpanija fil-kumpless militari-industrijali Russu. OOO TSK Vektor, aġixxiet bħala intermedjarju bejn IEMZ Kupol, sussidjarja tal-kumpanija tal-armi tal-istat Russu Almaz-Antey, u fornituri Ċiniżi li jimmanifatturaw droni ta' attakk fuq distanza twila tat-tip Garpiya-3 (G3), li huma żviluppati u prodotti għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. B'mod partikolari, OOO TSK Vektor irċeviet komponenti mingħand Redlepus TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co., Ltd u Juhang Aviation Technology Shenzhen Co. Limited, inkluż partijiet minn Xiamen Limbach, entità Ċiniża li tipproduċi magni tad-droni L550.<br>Għaldaqstant, Artem Yamshchikov huwa persuna fiżika li jappoġġa materjalment l-azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 1874. | Nikolay Vitalyevich TKACHENKO<br>bir-Russu: Николай Витальевич ТКАЧЕНКО | Funzjoni: Negozjant<br>Data tat-twelid: 1978<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773608049810 | Nikolay Tkachenko huwa l-maniġer ġenerali ta' Gazstroyprom JSC. Gazstroyprom JSC hija kumpanija ewlenija fis-settur tal-enerġija Russu, li twettaq proġetti differenti għall-estrazzjoni, l-ipproċessar u t-trasport tal-gass naturali. Il-kumpanija timpjega 95 000 ruħ u hija attiva fid-distretti federali kollha tal-Federazzjoni Russa. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdu dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Nikolay Tkachenko huwa assoċjat ma' kumpanija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1875. | Ivan Nikolaevich KOZHEVNIKOV<br><br>bir-Russu: Иван Николаевич КОЖЕВНИКОВ | Funzjoni: Negozjant<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 130301391462 | Ivan Kozhevnikov huwa d-Direttur Ġenerali ta' Gazprom LNG Technologies LLC, kumpanija ewlenija fis-settur tal-enerġija Russu. Fost l-attivitajiet tal-kumpanija hemm il-likwefazzjoni u l-arrikkiment tal-gass naturali, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' pompi tal-mili krijoġeniċi. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Ivan Kozhevnikov huwa assoċjat ma' entità li hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 1876. | Aleksey Konstantinovich KAKHIDZE<br><br>bir-Russu: Алексей Константинович КАХИДЗЕ | Funzjoni: Negozjant<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770704797795 | Aleksey Kakhidze huwa l-President tal-Bord tad-Diretturi ta' Gazprom LNG Technologies LLC, kumpanija ewlenija fis-settur tal-enerġija Russu. Fost l-attivitajiet tal-kumpanija hemm il-likwefazzjoni u l-arrikkiment tal-gass naturali, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' pompi tal-mili krijoġeniċi. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Aleksey Kakhidze huwa assoċjat ma' entità li hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 1877. | Yuriy Vasilyevich SHAMALOV<br><br>bir-Russu: Юрий Васильевич ШАМАЛОВ | Funzjoni: Negozjant<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770970305250 | Yuriy Shamalov huwa d-Direttur Ġenerali ta' Gazprom Flot LLC, kumpanija ewlenija fis-settur tal-enerġija Russu. Fost l-attivitajiet tal-kumpanija hemm is-servizzi ta' tħaffir relatati mal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass, kif ukoll it-trasport u r-rigassifikazzjoni tal-gass naturali likwifikat, il-kostruzzjoni u l-operat ta' pjattaformi għat-tħaffir li jżommu f'wiċċ l-ilma u bastimenti speċjalizzati. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Yuriy Shamalov huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1878. | Mikhail Lvovich PODVYAZNIKOV<br><br>bir-Russu: Михаил Львович ПОДВЯЗНИКОВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC 'North Western Regional Center of Almaz Antey Concern Obukhovsky Plant'; magħrufa wkoll bħala JSC 'Obukhov Plant'<br><br>Data tat-twelid: 15.7.1958<br><br>Post tat-twelid: Leningrad, qabel USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Mikhail Podvyaznikov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC 'North Western Regional Center of Almaz Antey Concern Obukhovsky Plant'.<br><br>JSC 'North Western Regional Center of Almaz Antey Concern Obukhovsky Plant' hija waħda mill-akbar intrapriżi fl-industrija tad-difiża Russa u tipproduċi sistemi ta' armi u tagħmir militari. Hija tipprovdi komunikazzjonijiet, sistemi ta' difiża tal-ajru u missili użati mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, fir-rwol tiegħu bħala Direttur Ġenerali ta' JSC 'North Western Regional Center of Almaz Antey Concern Obukhovsky Plant', Mikhail Podvyaznikov qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 1879. | Oleg Nikolaevich RYAZANTSEV<br><br>bir-Russu: Олег Николаевич РЯЗАНЦЕВ | Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' 'NPO Vysokotochnye Kompleksy' (High Precision Systems)<br><br>Data tat-twelid: 16.4.1982<br><br>Post tat-twelid: Zhukovsky, Moscow Region, qabel USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 501305932405<br><br>Entità assoċjata: JSC 'NPO Vysokotochnye Kompleksy' (High Precision Systems) - 119019 Moscow, b-r Gogolevskii 21 (bld. 1) | Oleg Ryazantsev, eks Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa, ilu minn Novembru 2022 jaġixxi bħala Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) tal-JSC Russa 'NPO Vysokotochnye Kompleksy' (High Precision Systems).<br><br>High Precision Systems hija żviluppatur u manifattur tal-armi Russu. Hija mexxejja fil-produzzjoni tas-sistemi tal-missili ballistiċi tattiċi fir-Russja. High Precision Systems hija sussidjarja ta' Rostec State Corporation. L-armi prodotti minn High Precisions Systems jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, bħala s-CEO ta' High Precisions Systems, Oleg Ryazantsev qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024." |

Entitajiet

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "478. | Limited Liability Company Gumich RTK<br>bir-Russu: ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'ТУМИЧ РТК'<br>magħrufa wkoll bħala LLC Gumich RTK<br>magħrufa wkoll bħala OOO Gumich RTK<br>magħrufa wkoll bħala OOO 'ТУМИЧ РТК' | Indirizz: Varshavskoe 28A, Moscow, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1227700009349<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9726005407<br>Individwu assoċjat: Fedor Fedorovich Potekhin (Direttur Ġenerali)<br>Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Limited Liability Company Gumich (kumpanija omm) | LLC Gumich RTK hija kumpanija Russa li tipproduċi pjattaformi tar-robots Impulse-M, li huma maħsuba biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u diġà ġew ittestjati fuq il-post mill-Forzi Armati Russi mis-sajf tal-2024. Għaldaqstant, LLC Gumich RTK tappoġġa materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 479. | Limited Liability Company Gumich<br>bir-Russu: ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'ТУМИЧ'<br>magħrufa wkoll bħala LLC Gumich<br>magħrufa wkoll bħala OOO Gumich<br>magħrufa wkoll bħala OOO 'ТУМИЧ' | Indirizz: Varshavskoe 28A, Moscow, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Numru tar-Reġistrazzjoni: 1187746509081<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9709032552<br>Individwu assoċjat: Alexander Valerievich Gavrilov (Direttur Ġenerali)<br>Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Limited liability company Gumich (kumpanija sussidjarja) | LLC Gumich hija kumpanija Russa, li għandha sjieda sħiħa tal-LLC Gumich RTK. LLC Gumich RTK hija produttur tal-pjattaformi tar-robots Impulse-M, li huma maħsuba biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u diġà ġew ittestjati fuq il-post mill-Forzi Armati Russi mis-sajf tal-2024. Bħala s-sid ta' LLC Gumich RTK, LLC Gumich għalhekk qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 480. | Limited Liability Company Investneftetrade<br><br>bir-Russu: ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'ИНВЕСТНЕФТЕТРЕЙД'<br><br>magħrufa wkoll bħala Investneftetrade<br><br>magħrufa wkoll bħala Investneftetreyd<br><br>magħrufa wkoll bħala OOO 'ИНВЕСТНЕФТЕТРЕЙД'<br><br>magħrufa wkoll bħala ИНВЕСТНЕФТЕТРЕЙД | Indirizz: Trubnaya 28, Moscow, Russian Federation<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 5157746030976<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7729481489<br><br>Individwu assoċjat: Pavel Vladimirovich Babin (Direttur Ġenerali) | LLC Investneftetrade hija kumpanija Russa li tittrasporta bil-baħar żejt mhux maħdum u prodotti taż-żejt, inkluż għal skopijiet ta' esportazzjoni. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, LLC Investneftetrade hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 481. | Limited Liability Company Prime Shipping<br><br>bir-Russu: Общество с Ограниченной Ответственностью 'Прайм Шиппинг'<br><br>magħrufa wkoll bħala Prime Shipping<br><br>magħrufa wkoll bħala Praim Shipping<br><br>magħrufa wkoll bħala OOO 'Прайм Шиппинг'<br><br>magħrufa wkoll bħala Прайм Шиппинг | Indirizz: Maxim Gorky 78, Samara, Russian Federation<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Samara, Russian Federation<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1056317028350<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6317060306<br><br>Individwu assoċjat: Igor Alexandrovich Ganin (Direttur Ġenerali) | LLC Prime Shipping hija kumpanija Russa li tittrasporta bil-baħar żejt mhux maħdum u prodotti taż-żejt, inkluż għal skopijiet ta' esportazzjoni. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, LLC Prime Shipping hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 482. | State Corporation 'Donbass Development Corporation'<br>bir-Russu: ГОСУДАРСТВЕННЫЙ КОНЦЕРН 'КОРПОРАЦИЯ РАЗВИТИЯ ДОНБАССА'<br>magħrufa wkoll bħala Donbass Development Corporation<br>magħrufa wkoll bħala ГК 'КОРПОРАЦИЯ РАЗВИТИЯ ДОНБАССА'<br>magħrufa wkoll bħala КОРПОРАЦИЯ РАЗВИТИЯ ДОНБАССА | Indirizz: Maryinskaya 1, Donetsk, Ukraine<br>Tip ta' entità: Korporazzjoni Statali<br>Post tar-reġistrazzjoni: Donetsk, Ukraine<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1229300132104<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9303024230<br>Individwu assoċjat: Andrey Yurievich Kalyuzhny (aġent President tal-Bord) | State Corporation 'Donbass Development Corporation' hija entità mwaqqfa mill-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk', biex tiżgura l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun Ukren okkupat mir-Russja. Il-korporazzjoni qed tiffaċilita wkoll l-investiment internazzjonali fir-reġjun u hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' proġetti relatati mal-bini tal-infrastruttura fir-reġjun okkupat, bl-għan ta' aktar integrazzjoni tar-reġjun fir-Russja. Għaldaqstant, State Corporation 'Donbass Development Corporation' qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 483. | Joint Stock Company Scientific Production Enterprise 'Aerosila'<br>bir-Russu: Акционерное Общество 'Научно-Производственное Предприятие "Аэросила"' (НПП Аэросила)<br>magħrufa wkoll bħala Aerosila JSC SPE<br>magħrufa wkoll bħala NPP Aerosila PAO | Indirizz: 142800, Russian Federation, Stupino, Zhdanov Str., 6<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 22.1.1993 (data tar-reġistrazzjoni tal-istat 16.6.2002)<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1025005917023<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5045002261<br>KPP: 504501001<br>Posta elettronika: vint@aerosila.ru<br>Telefon: (496) 642-33-30, 642-80-85<br>Sit web: http://www.aerosila.ru<br>Individwu assoċjat: Pavel Gennadievich Tochilin (Direttur Ġenerali) (TIN: 504501388297) | JSC SPE 'Aerosila' hija żviluppatur u manifattur Russu tad-diversi partijiet tal-inġenji tal-ajru, pereżempju magni, skrejjen u fannijiet. JSC SPE 'Aerosila' tipprovdi l-prodotti tagħha lill-manifatturi tal-avjazzjoni domestiċi. Il-prodotti tal-kumpanija jintużaw biex jinħolqu inġenji tal-ajru militari li l-Forzi Ajruspazjali Russi jużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Pereżempju l-unità tal-enerġija tal-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord Orion APD-115T hija mgħammra bi skrun AV-115 manifatturat minn JSC SPE 'Aerosila'. Barra minn hekk, il-Federazzjoni Russa għandha dritt speċjali ('golden share') għall-parteċipazzjoni fil-kontroll tal-JSC SPE 'Aerosila', li jippermetti lill-Federazzjoni Russa dritt deċiżiv tal-vot fuq l-azzjonisti l-oħra meta tadotta deċiżjonijiet ewlenin.<br>Għalhekk, JSC SPE 'Aerosila' tappoġġa u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 484. | Limited Liability Company Scientific Production Association 'Izhevsk Unmanned Systems'<br><br>bir-Russu: Общество с Ограниченной Ответственностью 'Научно-Производственное Объединение "Ижевские Беспилотные Системы"'<br><br>magħrufa wkoll bħala OOO 'НПО "ИЖБС"'<br><br>magħrufa wkoll bħala ИжБС<br><br>magħrufa wkoll bħala IUS; OOO NPO IzhBS<br><br>magħrufa wkoll bħala NPO Izhmash<br><br>magħruf ukoll bħala NPO Izhevskiye Bespilotnye Sistemy OOO<br><br>magħrufa wkoll bħala Izhevksy Unmanned Systems<br><br>magħrufa wkoll bħala Izhmash Unmanned Systems<br><br>magħrufa wkoll bħala Izhevsk Unmanned Systems Research and Production Associated Limited Liability Company<br><br>magħrufa wkoll bħala LLC Research and Production Association Izhevsk Unmanned Systems | Indirizz: 115432, Russian Federation, Moscow, Trofimova Str., 2A, Room. 221<br><br>Indirizz: 426063, Russian Federation, Udmurt Republic, Izhevsk, Ordzhunikidze Str., 2<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 25.10.2006<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1061831040688<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1831117433<br><br>KPP: 772501001<br><br>Posta elettronika: info@izh-bs.ru<br><br>Telefon: + 7 (3412) 43-01-11, + 7 (939) 875-00-17<br><br>Sit web: www.izh-bs.ru, www.izh-bs<br><br>Entità assoċjata: JSC Kalashnikov Concern (kumpanija azzjonarja) (numru tar-reġistrazzjoni: 1111832003018) | LLC SPA 'Izhevsk Unmanned Systems' hija kumpanija Russa li tiżviluppa, tipproduċi, issewwi u żżomm fi stat tajjeb vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV), tagħmir speċjali, prodotti xjentifiċi u tekniċi. Il-kumpanija hija involuta b'mod attiv fis-settur Russu tal-UAV (pereżempju, hi tiżviluppa teknoloġiji u testijiet kif ukoll twettaq taħriġ speċjalizzat) u għalhekk tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. LLC SPA 'Izhevsk Unmanned Systems' ħolqot droni militari tat-tip 'Granat', 'Tachyon' u 'Kub', li jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-kumpanija qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br><br>Barra minn hekk, LLC SPA Izhevsk Unmanned Systems hija sussidjarja ta' JSC Kalashnikov Concern (żviluppatur u manifattur ta' tagħmir tal-armata). Għalhekk hija assoċjata ma' JSC Kalashnikov Concern. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 485. | JSC 'Kaluga Research Institute of Radio Engineering'<br><br>bir-Russu: АО 'Калужский научно-исследовательский радиотехнический институт'<br><br>magħrufa wkoll bħala JSC 'KNIRTI'<br><br>magħrufa wkoll bħala АО 'КНИРТИ' | Indirizz: 249192, Russian Federation, Kaluga Region, Zhukovsky District, 1 Zhukov City, Zhukov, Lenin Street, 2<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 28.6.2012<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1124011001058<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 4007017378<br><br>KPP: 400701001<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Informazzjoni addizzjonali: JSC 'KRET' (kumpanija assoċjata) | JSC 'Kaluga Research Institute of Radio Engineering' (JSC KNIRTI), hija waħda mill-kumpaniji militari-industrijali ewlenin fir-reġjun ta' Kaluga. Fost attivitajiet oħra, hija tirriċerka, tiżviluppa u tipproduċi strumenti navigazzjonali, meteoroloġiċi, ġeodetiċi u ġeofiżiċi, u radar, tagħmir tan-navigazzjoni bir-radju u tagħmir ta' kontroll mill-bogħod bir-radju, inkluż Khibiny, sistema elettronika tal-gwerra għall-inġenji tal-ajru tal-ġlied użati fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>JSC KNIRTI hija affiljata ma' JSC KRET, kumpanija responsabbli għall-produzzjoni ta' armi u tagħmir militari kif ukoll radjuelettronika. Il-logo uffiċjali ta' JSC KNIRTI huwa simili għal-logo bi privattiva ta' JSC KRET. Is-sit web uffiċjali ta' JSC KRET fih informazzjoni dwar il-Khibiny, li hija prodotta minn JSC KNIRTI. Barra minn hekk, il-logo uffiċjali ta' JSC KNIRTI fih il-logo bi privattiva ta' JSC KRET.<br><br>Għaldaqstant, JSC KNIRTI hija responsabbli għall-appoġġ materjali u finanzjarju u tibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. JSC KNIRTI hija involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, hija assoċjata wkoll ma' JSC KRET. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 486. | Federal State Enterprise 'Kamensky "Combine"'<br>bir-Russu: Федеральное Казенное Предприятие 'Комбинат "Каменский"'<br>magħrufa wkoll bħala Federal State Enterprise Kamensky Plant<br>magħrufa wkoll bħala Kombinat Kamenski FKP<br>magħrufa wkoll bħala FSE Kamensky Zavod | Indirizz: 347801, Russian Federation, Rostov region, Kamensk-Shakhtinsky, Saprygina Street 8<br>Tip ta' entità: Federal State Enterprise<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 23.3.2006<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1066147003658<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6147025090<br>KPP: 614701001<br>Sit web: www.fkpkk.ru | FSE 'Kamensky "Combine"' hija impjant kimiku li jipproduċi prinċipalment prodotti kimiċi għal skopijiet speċjali għall-industrija militari tar-Russja, li jipproduċi armi użati mill-militar Russu. Hija proprjetà tal-istat permezz ta' Rostec (Korporazzjoni tal-Istat għall-Promozzjoni tal-Iżvilupp, il-Manifattura u l-Esportazzjoni ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata). Għandha privattivi għal teknoloġiji relatati ma' rokits u splussivi. FSE 'Kamensky "Combine"' hija involuta fl-implimentazzjoni tal-ordnijiet ta' difiża tal-istat Russu u mill-2022 il-volum ta' ordnijiet għad-difiża tal-istat li tirċievi żdied b'mod sinifikanti. Għalhekk FSE 'Kamensky Combine' materjalment tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Barra minn hekk, hija entità involuta f'setturi ekonomiċi, jiġifieri s-settur tad-difiża, li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 487. | Joint Stock Company 'ODK-Star'<br>magħrufa wkoll bħala AO 'ODK-Star'<br>magħrufa wkoll bħala JSC 'UEC-STAR'<br>magħrufa wkoll bħala JSC 'Star'<br>bir-Russu: Акционерное Общество 'ОДК-СТАР' (АО 'ОДК-СТАР') | Indirizz: 614990, Russian Federation, Perm, Kuibysheva Street, 140A<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 5.9.1994<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1025900895712<br>Informazzjoni addizzjonali: TIN: 5904100329<br>KPP: 590401001<br>Posta elettronika: star@ao-star.ru<br>Telefon: + 7 (342) 249-18-13<br>Sit web: https://ao-star.ru/<br>Entità assoċjata: Immaniġġata mill-United Aircraft Corporation (numru tar-reġistrazzjoni: 1067759884598) | JSC 'ODK-Star' hija żviluppatur u produttur serjali tas-sistemi tal-provvista u l-kontroll tal-fjuwil għall-magni b'turbini tal-gass tal-ajru, tal-art u tal-baħar. JSC 'ODK-Star' hija involuta fl-aktar programmi importanti tal-bini tal-magni Russi, inkluż fil-ħolqien tal-magni D30-KP u PD-8. Il-magni D30-KP huma installati fuq l-inġenju tal-ajru tat-trasport militari Il-76, użat mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. United Aircraft Corporation bdiet tiżviluppa d-disinn tekniku sabiex tuża magni PD-8 f'inġenji tal-ajru tat-trasport militari (IL-212). Għalhekk, JSC 'ODK-Star' tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br>Barra minn hekk, JSC 'ODK-Star' hija ġestita mill-United Aircraft Corporation, struttura integrata li tispeċjalizza fl-iżvilupp, il-produzzjoni serjali u s-servizzi ta' manutenzjoni tal-magni għall-avjazzjoni militari u ċivili, il-programmi spazjali u l-flotta navali, kif ukoll l-industrija taż-żejt u tal-gass u s-settur tal-enerġija. Għalhekk, JSC 'ODK-Star' hija assoċjata mal-United Aircraft Corporation. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 488. | Public Joint Stock Company 'Stavropol Radio Plant Signal'<br><br>bir-Russu: Публичное Акционерное Общество Ставропольский Радиозавод 'Сигнал'<br><br>magħrufa wkoll bħala Signal Radio Plant; PJSC Signal<br><br>magħrufa wkoll bħala Public Joint Stock Company Stavropol Radioplant 'Signal'<br><br>magħrufa wkoll bħala ПАО 'Сигнал' | Indirizz: 355037, Russian Federation, Stavropol Krai, Stavropol, 2nd Yugo-Zapadny proezd, 9A<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 21.9.1993<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1022601930537<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2635000092<br><br>KPP: 263501001<br><br>Posta elettronika: info@signalrp.ru<br><br>Telefon: (8652) 77-98-35<br><br>Sit web: http://signalrp.ru<br><br>Individwu assoċjat: Andrey Viktorovich Kocherga (Direttur Ġenerali) (TIN 772740415741) | PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal' hija waħda mill-manifatturi ewlenin ta' apparati radjuelettroniċi għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Hija tappartjeni lill- Rostec State Corporation. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa jużaw apparati prodotti minn PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal' bħal pjattaformi ta' kontroll mill-bogħod għal machine guns tat-tankijiet PKT fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal' tejbet il-pjattaforma ta' kontroll mill-bogħod tal-machine guns għall-kontroll ta' machine guns tat-tankijiet ta' 7.62 mm, iddisinjata fl-2023, fuq talba diretta mill-militar Russu. Barra minn hekk, PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal', flimkien mal-Unjoni tal-Inġinerija Russa u l-Università Federali tat-Tramuntana tal-Kawkasujmexxu ċentru ta' taħriġ għal speċjalisti bi kwalifiki għoljin fl-industrija tal-inġinerija mekkanika.<br><br>Għaldaqstant, PJSC 'Stavropol Radio Plant Signal' tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 489. | Joint Stock Company Tula Machine Building Plant<br><br>bir-Russu: Акціонерне товариство 'Акціонерна компанія "Туламашзавод"'<br><br>magħrufa wkoll bħala JSC Tula Machine Building Plant<br><br>magħrufa wkoll bħala JSC Tulamashzavod | Indirizz: 300002, Russian Federation, Tula, Mosina str., 2<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: 300002, Russian Federation, Tula, Mosina str., 2<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 29.8.2002<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027100507114<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7106002836<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Posta elettronika: sapr@tulamash.ru, sekretar@tulamash.ru<br><br>Telefon: + 7 (4872) 55-87-13<br><br>Sit web: http://tulamash.ru | JSC Tula Machine Building Plant hija manifattur tad-difiża Russu bi speċjalizzazzjoni fil-produzzjoni ta' tagħmir militari avvanzat, b'mod partikolari fil-qasam tal-armi u s-sistemi tal-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru. Il-kumpanija hija responsabbli għall-iżvilupp u l-manifattura ta' diversi sistemi ta' difiża ewlenin, inkluż is-sistema tal-missili u l-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru KASHTAN, is-sistema tal-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru PALMA, u firxa ta' kanuni awtomatiċi u pistoli awtomatiċi ta' 30 mm bħall-Gryazev-Shipunov GSh-6-30 u l-2A72. Dawn is-sistemi huma integrati f'diversi pjattaformi militari, inkluż vetturi tal-ġlied tal-infanterija bħall-BMP-3 u l-BTR-80A, u huma mmuntati wkoll fuq assi strateġiċi bħall-aircraft carrier tal-klassi Kuznetsov.<br><br>Il-prodotti tal-kumpanija ġew skjerati b'mod attiv f'diversi operazzjonijiet militari, inkluż l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, fejn diversi sistemi bħall-vetturi tal-ġlied tal-infanterija BMP-3 u s-sistemi tal-missili mill-wiċċ għall-ajru Pantsir-S1 ġew irrappurtati li nqerdu.<br><br>Għalhekk, JSC Tula Machine Building Plant qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 490. | Joint-Stock Company VNIIR-Progress<br><br>bir-Russu: Акционерное общество ВНИИР-Прогресс<br><br>magħrufa wkoll bħala JSC VNIIR-Progress | Indirizz: 428903, Russian Federation, Chuvash Republic, Cheboksary, pr. I.Yakovleva, 4<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: 428903, Russian Federation, Chuvash Republic, Cheboksary, pr. I. Yakovleva, 4<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 14.10.2011<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1112130013270<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2130094170<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Posta elettronika: progress@vniir.ru<br><br>Telefon: + 7 (8352) 39-00-29, + 7 (8352) 39-00-23 | JSC VNIIR-Progress hija istitut Russu tar-riċerka u l-iżvilupp li jispeċjalizza fil-produzzjoni ta' sistemi avvanzati ta' gwerra elettronika (electronic warfare - EW), li jiffukaw fuq teknoloġiji għall-imblukkar tas-sinjali u l-ġbir ta' intelligence. Wieħed mill-prodotti ewlenin tagħhom huwa l-antenna Kometa, li hija mfassla biex tfixkel il-komunikazzjonijiet billi tinterferixxi mal-frekwenzi tar-radju, tas-satellita u tar-radar. Il-varjant Kometa-M, tip ta' antenna Kometa, użat f'apparati bħall-vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord Orlan-10 u kits tal-bombi ggwidati, juża arranġamenti adattivi ta' antenna biex itejjeb ir-reżistenza kontra l-interferenza elettronika, filwaqt li jiżgura mmirar preċiż anke taħt miżuri kontradittorji tal-EW. Armi li jinkorporaw antenni Kometa manifatturati minn JSC VNIIR-Progress jintużaw b'mod estensiv fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u għalhekk JSC VNIIR-Progress qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br><br>JSC VNIIR-Progress ikkollaborat b'mod estensiv mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja, u żiedet b'mod sinifikanti l-produzzjoni ta' sistemi ta' navigazzjoni u elettriċi għal tagħmir militari, inkluż tankijiet, vapuri, u sistemi EW. Il-modulu Kometa-M, oriġinarjament iddisinjat biex jipproteġi d-droni mill-EW, issa qed jiġi adattat għal bombi mhux iggwidati biex tittejjeb il-preċiżjoni bl-użu tal-GPS u data satellitari oħra. Barra minn hekk, JSC VNIIR-Progress tipparteċipa f'kuntratti tal-gvern ta' valur għoli, bħall-forniment ta' apparat elettroniku lill-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Għalhekk, JSC VNIIR-Progress qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 491. | PIK-specialised developer JSC<br>bir-Russu: AO 'ПИК-специализированный застройщик'<br>magħruf ukoll bħala PIK Group of Companies PJSC<br>magħrufa wkoll bħala Public Joint Stock Company 'PIK-specialized homebuilder' | Indirizz: 19 bld. 1, Barrikadnaya street, Moscow, 123242, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739137084<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7713011336<br>KPP: 770301001<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | PIK-specialised developer JSC hija konglomerat Russu li jopera fis-settur tal-proprjetà immobbli u tal-kostruzzjoni. Permezz ta' sussidjarji bħal 'Inzhteploprogress', PIK-specialised developer JSC iffinanzjat ir-reklutaġġ ta' persunal għall-unitajiet militari Russi u l-kumpaniji militari privati li joperaw fl-Ukrajna taħt il-kmand tal-Ministeru għad-Difiża Russu. Għalhekk, PIK-specialised developer JSC tappoġġa finanzjarjament azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna.<br>Barra minn hekk, bħala kumpanija ewlenija fil-qasam tal-bini u tal-proprjetà immobbli, PIK-specialised developer JSC hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. | 16.12.2024 |
| 492. | PJSC UTAIR<br>bir-Russu: ПУБЛИЧНОЕ АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'АВИАКОМПАНИЯ "ЮТЭЙР"'<br>magħrufs wkoll bħala UTAIR | Tip ta' entità: Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1028600508991<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7204002873<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | PJSC UTAIR (UTAIR) hija linja tal-ajru ċivili Russa. Mill-bidu tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, UTAIR – kuntrattur għall-Ministeru għad-Difiża Russu – ipprovdiet appoġġ loġistiku lill-Forzi Armati Russi, inkluż billi ttrasportat persunal militari assenjat għaż-żona tal-ġlied, wettqet titjiriet fl-Ukrajna okkupata mir-Russja u billi stabbiliet skema speċjali ta' bejgħ ta' biljetti mal-Ministeru għad-Difiża Russu.<br>Għaldaqstant, UTAIR appoġġat azzjonijiet li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>UTAIR hija assoċjata wkoll mal-persuna elenkata Vladimir Bogdanov u ripetutament ibbenefikat minn appoġġ finanzjarju sostanzjali mill-Gvern Russu. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 493. | Joint Stock Company Plastmass Plant<br>bir-Russu: АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'ЗАВОД "ПЛАСТМАСС"'<br>magħrufa wkoll bħala JSC 'PLASTMASS PLANT'<br>magħrufa wkoll bħala АО 'ЗАВОД "ПЛАСТМАСС"' | Indirizz: 52 Pobedy Ave., Kopeysk, Chelyabinsk region, 456620, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 11177411001388<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7411009901<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br>Sit web: https://www.zavod-plastmass.ru<br>Posta elettronika: info@zavod-plastmass.ru<br>Telefon: 8(351) 269-91-12<br>Individwu assoċjat: Alexander Alekseevich Balashov (Direttur Ġenerali) | JSC Plastmass Plant hija entità Russa, parti minn Rostec State Corporation, li tipproduċi munizzjon tal-artillerija għall-Forzi Armati Russi, b'mod partikolari għal howitzers, li jintużaw ħafna mill-militar Russu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, JSC Plastmass Plant hija responsabbli għall-appoġġ, mil-lat materjali, ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 494. | JSC Gruppa Kremniy El<br>bir-Russu: АО Группа Кремний Эл | Indirizz: Krasnoarmeyskaya Str. 103, 241050 Bryansk, Bryanskaya Oblast, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1023202741781<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 3234043140<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br>Sit web: https://group-kremny.ru/<br>Posta elettronika: group@kremny.032.ru<br>Telefon: + 7 (4832) 41-43-11, + 7 (4832) 41-42-34<br>Individwu assoċjat: Oleg Nikolaevich Lantsev<br>Entità assoċjata: JSC Reestr | JSC Gruppa Kremniy El hija t-tieni l-akbar manifattur tal-mikroelettronika fir-Russja, u, b'mod partikolari, manifattur tal-mikroċipep. Il-mikroċipep prodotti mill-JSC Gruppa Kremniy El fl-impjant tagħha jintużaw mill-militar Russu għal diversi skopijiet, inkluż il-missili ballistiċi Iskander. Il-kumpanija hija wkoll parti mill-programm federali Russu 'Alternative', li għandu l-għan li jiżviluppa radars ġodda fuq matriċi attivi f'fażijiet, maħsuba għad-difiża tal-ajru u li jiġu installati fuq inġenji tal-ajru u bastimenti.<br>Għaldaqstant, JSC Gruppa Kremniy El hija responsabbli għall-appoġġ, mil-lat materjali jew finanzjarju, ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 495. | The Kaluga Engine Company (PJSC KADVI)<br><br>bir-Russu: Публичное Акционерное Общество 'Калужский двигатель' | Indirizz: 248021, Russian Federation, g. Kaluga, st. Moskovskaya, d. 247<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Sit web: https://mzmayak.ru/index.html<br><br>Posta elettronika: mail@mzmayak.ru<br><br>Telefon: + 7(4842) 76-33-00 | Il-Kaluga Engine Company (PJSC KADVI) hija kumpanija tal-industrija militari Russa li twassal magni tat-tankijiet lill-impjanti militari l-oħra li jipproduċu tankijiet T-80. It-tankijiet T-80 ilhom jintużaw matul l-invażjoni tal-Ukrajna. Dan l-aħħar ir-Russja ddeċidiet li tibda l-produzzjoni serjali tat-tankijiet T-80 mgħammra b'magni b'turbini tal-gass GTD-1250. Tankijiet T-80 modernizzati b'magni b'turbini tal-gass GTD-1250 qed jitwasslu lejn l-ewwel linja fl-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, il-Kaluga Engine Company (PJSC KADVI) qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 496. | LLC Alabuga Development<br><br>bir-Russu: ООО Алабуга Девелопмент | Indirizz: SH-2 St., b. 4, room 8, 9, 11, 12, 13, 14, Special Economic Zone Alabuga, Yelabuga municipal district, municipality of Yelabuga, Tatarstan, Russian Federation, 432601<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1646043699<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Sit web: development.alabuga.ru<br><br>Posta elettronika: dnurkhametova@alabuga.ru, damirova@alabuga.ru, mperevozchikova@alabuga.ru<br><br>Telefon: +7 855 575 90 13<br><br>Individwu assoċjat: Alexey Veniaminovich Semenov<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— JSC 'Alabuga' Special Economic Zone of Industrial and Production Type<br><br>— LLC Alabuga Machinery<br><br>— LLC Drake | LLC Alabuga Development hija produttur Russu ta' għodod u gerijiet tal-magni, kif ukoll manifattur ta' kostruzzjonijiet tal-metall, apparati ta' komunikazzjoni u tagħmir elettriku. Hija wkoll sussidjarja 100 % ta' JSC 'Alabuga' Special Economic Zone of Industrial and Production Type (entità elenkata mill-Unjoni mit-18 ta' Diċembru 2023), li għalhekk hija s-sid benefiċjarju aħħari ta' LLC Alabuga Development.<br><br>LLC Alabuga Development għandha rwol importanti fl-iskema ta' akkwist tad-droni minn pajjiżi oħra lejn ir-Russja, inkluż l-akkwist ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord Iranjani Shahed 136 u Dragonfish. LLC Alabuga Development tintuża bħala kuntrattur, flimkien mal-partijiet l-oħra, biex takkwista d-droni użati u adattati għall-użu bħala armi mill-militar Russu fit-territorju tal-Ukrajna.<br><br>Għaldaqstant, LLC Alabuga Development hija responsabbli għall-appoġġ, mil-lat materjali jew finanzjarju, ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk hija assoċjata ma' JSC 'Alabuga' Special Economic Zone of Industrial and Production Type, responsabbli wkoll għall-appoġġ materjali jew finanzjarju ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 497. | UralDronZavod<br><br>bir-Russu: ООО 'УРАЛДРОНЗАВОД'<br><br>magħrufa wkoll bħala ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'УРАЛДРОНЗАВОД' | Indirizz: 620105, Sverdlovsk region, Yekaterinburg city district, Yekaterinburg city, Academician Sakharov ave., 41, apt. 118, Russian Federation<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Posta elettronika: 9089124735@mail.ru<br><br>Individwu assoċjat: Tkachuk Vladimir Ilyich (maniġer ġenerali) | UralDronZavod hija kumpanija ġdida li nħolqot bħala negozju ġdid matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-kumpanija tipproduċi dron FPV imsejjaħ 'Upyr' ('Ghoul') li ilu jintuża b'mod wiesa' mill-ħarifa tal-2023 matul l-invażjoni tal-Ukrajna. Il-kumpanija rċeviet appoġġ sħiħ mill-Ministeru għad-Difiża Russu u aġenziji oħra tal-istat u bħalissa qed tipproduċi droni fuq l-ordnijiet tal-Gvern Russu. Il-kumpanija u l-maniġer u l-fundatur tagħha kisbu l-attenzjoni tal-President Putin innifsu. UralDronZavod qed tiżviluppa u taġġorna b'mod kostanti d-dron ewlieni tagħha 'Upyr' abbażi tal-esperjenza miġbura fuq il-kamp tal-battalja. Id-dron ilu jintuża ripetutament kontra l-Armata Ukrena.<br><br>Għalhekk, UralDronZavod qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 498. | Asia Pacific Links Ltd.<br><br>magħrufa wkoll bħala Asia Pacific Links Limited | Indirizz: Office E, 8/F, Shing Hing Commercial Building, 21-27 Wing Kut Street, Central, Hong Kong<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 2182045 64199990-000 CR No. 2182045<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina/Hong Kong<br><br>Individwu assoċjat: Anton Sergeyevich Trofimov (Direttur) | Asia Pacific Links hija kumpanija bbażata f'Hong Kong proprjetà ta' Anton Sergeyevich Trofimov, ċittadin Russu. Asia Pacific Links kienet l-akbar fornitur ta' komponenti mikroelettroniċi lil kumpaniji Russi sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Tali komponenti jintużaw għall-manifattura ta' droni Orlan li jintużaw mill-militar Russu fl-Ukrajna. Bejn l-1 ta' Marzu u t-30 ta' Settembru 2022, Asia Pacific Links żiedet ħafna n-negozju tagħha, u b'hekk saret l-akbar fornitur ta' LLC SMT-iLogic, skont ir-rekords doganali Russi.<br><br>Għalhekk, Asia Pacific Links qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 499. | ARCLM International Trading Co. Ltd | Indirizz: RM 1607 Trend CTR, 29-31 Cheung Lee Street, Chai Wan, Hong Kong<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'responsabbiltà limitata<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 71901140<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina/Hong Kong<br><br>Individwu assoċjat: Li Xiaocui ('Sofya Li', 'Sophia Li')<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— Shijiazhuang Hanqiang Technology Co. Ltd<br><br>— Hebei Suofu Trading Co. | ARCLM International Trading Co. Ltd hija fornitur ibbażat f'Hong Kong għal diversi tipi ta' makkinarju. ARCLM International Trading Co. ripetutament esportat prodotti ta' oriġini Ewropea lil kumpaniji Russi filwaqt li dawk il-prodotti kienu soġġetti għal restrizzjonijiet tal-Unjoni fuq l-esportazzjoni, b'mod partikolari lill-kumpanija Unimatik, attur ewlieni fil-Kumpless Industrijali Militari Russu.<br><br>Għalhekk, ARCLM International Trading Co. ffaċilitat il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tar-reġim ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni imposta fuq il-Federazzjoni Russa, u b'hekk fixklet b'mod sinifikanti wkoll id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Unjoni dwar il-miżuri restrittivi. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 500. | LLC Drake<br><br>bir-Russu: ООО Дрейк | Indirizz: SH-2 St., b. 5/12, room 126, Special Economic Zone Alabuga, Yelabuga municipal district, municipality of Yelabuga, Tatarstan, Russian Federation, 432601<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1646047020<br><br>Individwu assoċjat: Alexandr Pavlovich Lavrik<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— JSC 'Alabuga' Special Economic Zone of Industrial and Production Type<br><br>— LLC Alabuga Development | LLC Drake hija kumpanija kummerċjali Russa. Hija wkoll sussidjarja kemm ta' LLC Alabuga Machinery (50 %) kif ukoll ta' LLC Alabuga Development (50 %). L-LLC Alabuga Machinery hija wkoll sussidjarja (100 %) tal-LLC Alabuga Development, li hija sussidjarja (100 %) ta' JSC 'Alabuga' Special Economic Zone of Industrial and Production Type (elenkati mill-Unjoni mit-18 ta' Diċembru 2023), li għalhekk hija s-sid indirett ta' LLC Drake.<br><br>LLC Drake tintuża fi skema għall-importazzjoni u l-assemblaġġ tad-droni Iranjani Shahed-136 ipprovduti llir-Russja, u għandha rwol importanti fil-katina tal-provvista tal-Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord użati mill-militar Russu waqt l-attakki tagħha fit-territorju tal-Ukrajna.<br><br>Għaldaqstant, LLC Drake hija responsabbli għall-appoġġ, mil-lat materjali jew finanzjarju, ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' JSC 'Alabuga' Special Economic Zone of Industrial and Production Type, responsabbli wkoll għall-appoġġ materjali jew finanzjarju ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |
| 501. | Shijiazhuang Hanqiang Technology Co. | Indirizz: 68 Hezuo Road, Xinhua District, Shijiazhuang City, Hebei province, People's Republic China<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'responsabbiltà limitata<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 791130105MA7C26X08R<br><br>Individwu assoċjat: Li Xiaocui ('Sofya Li', 'Sophia Li')<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— Shijiazhuang Hanqiang Technology Co. Ltd<br><br>— Hebei Suofu Trading Co. | Shijiazhuang Hanqiang Technology hija manifattur ibbażat fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-makkinarju tal-fibra tal-ġebla. Shijiazhuang Hanqiang Technology esportat prodotti ta' oriġini Ewropea lil kumpaniji Russi filwaqt li dawn il-prodotti kienu soġġetti għal restrizzjonijiet tal-Unjoni fuq l-esportazzjoni, b'mod partikolari lejn is-Centre for Effective Production Solutions (ROSCEPR).<br><br>Shijiazhuang Hanqiang Technology b'hekk iffaċilitat il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tar-reġim tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni imposta fuq il-Federazzjoni Russa, b'hekk ifixklu b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet eżistenti tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 502. | Juhang Aviation Technology Shenzhen Co. Limited<br><br>biċ-Ċiniż:<br><br>**巨航航空科技（深圳）有限公司**<br><br>magħrufa wkoll bħla Shenzhen Juhang International Wuliu Co. Ltd.<br><br>magħrufa wkoll bħala Juhang Aviation | Indirizz: Room 101-A Xinghua Building, 1007 Banxuegang Avenue, Maantang Community, Bantian Street, Longgang District, Shenzhen, People's Republic of China<br><br>Indirizz: 2205, Logistics Center, No. 2, Bonded Logistics Center, Terminal 4th Road, Baoan International Airport, Hongrui Community, Hangcheng Street, Baoan District, Shenzhen, People's Republic of China<br><br>Indirizz: 1601-2, Rujun Building, No. 105, Zhongxing Road, Putian Street, Longgang District, Shenzhen, People's Republic of China<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 18.3.2021<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 91440300MA5GN73B4F<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— OOO TKS Vektor, magħrufa wkoll bħala LLC TSK Vektor<br><br>— Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd. | Juhang Aviation Technology Shenzhen Co. Limited (Juhang Aviation) hija kumpanija Ċiniża involuta f'network tal-akkwist u tal-manifattura għall-kumpless militari-industrijali Russu. Permezz ta' intermedjarju Russu, OOO TSK Vektor, Juhang Aviation wasslet komponenti lil IEMZ Kupol, sussidjarja tal-kumpanija tal-armi tal-istat Russu Almaz-Antey, li sussegwentement intużaw għall-manifattura ta' droni ta' attakk fuq distanza twila tat-tip Garpiya-3 (G3) għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dan jinkludi wkoll komponenti minn Xiamen Limbach, entità Ċiniża li tipproduċi magni tad-droni L550.<br><br>Għalhekk, Juhang Aviation Technology Shenzhen Co. Limited hija persuna ġuridika li tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 503. | OOO TSK Vektor<br>bir-Russu: OOO ТСК Вектор<br>magħrufa wkoll bħala LLC TSK Vektor | Indirizz: 664048, Sevastopolskaya ulitsa d. 235, kv. 70, Irkutsk, Irkutskaya oblast, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 6.10.2015<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1153850042246<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 3849055365<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br>Individwu assoċjat: Artem Mikhaylovich Yamshchikov<br>Entitajiet assoċjati:<br>— IEMZ Kupol<br>— Juhang Aviation Technology Shenzhen Co. Limited<br>— Redlepus TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co, Ltd<br>— Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd | OOO TSK Vektor hija kumpanija fi ħdan il-kumpless militari-industrijali Russu. Aġixxiet bħala intermedjarju bejn IEMZ Kupol, sussidjarja tal-kumpanija tal-armi tal-istat Russu Almaz-Antey, u fornituri Ċiniżi li jimmanifatturaw komponenti għad-droni ta' attakk fuq distanza twila tat-tip Garpiya-3 (G3), li huma żviluppati u prodotti għall-użu fil-gwerra ta'aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. B'mod partikolari, OOO TSK Vektor irċeviet komponenti mingħand Redlepus TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co., Ltd u Juhang Aviation Technology Shenzhen Co. Limited, inkluż partijiet minn Xiamen Limbach, entità Ċiniża li tipproduċi magni tad-droni L550.<br>Għalhekk, OOO TSK Vektor qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 504. | Redlepus TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co., Ltd<br><br>biċ-Ċiniż:<br><br>红兔矢量实业（深圳）有限公司<br><br>magħrufa wkoll bħala Red Rabbit TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co., Ltd | Indirizz: 101-19, Xinghua Building, No. 1007, Banxuegang Avenue, Maantang Community, Bantian Street, Longgang District, Shenzhen, People's Republic of China<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 30.5.2023<br><br>Numru individwali tat-taxxa: 91440300MA5HX80Y1Q<br><br>Telefon: + 86-755-82373290<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— OOO TSK Vektor, magħrufa wkoll bħala LLC TSK Vektor<br><br>— Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd. | Redlepus TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co., Ltd (Redlepus TSK Vektor Industrial) hija kumpanija Ċiniża involuta f'network tal-akkwist u tal-manifattura għall-kumpless militari-industrijali Russu. Permezz ta' intermedjarju Russu, OOO TSK Vektor, Redlepus TSK Vektor wasslet komponenti lil IEMZ Kupol, sussidjarja tal-kumpanija tal-armi tal-istat Russu Almaz-Antey, li sussegwentement intużaw għall-manifattura ta' droni ta' attakk fuq distanza twila tat-tip Garpiya-3 (G3) għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dan jinkludi wkoll komponenti minn Xiamen Limbach, entità Ċiniża li tipproduċi magni tad-droni L550.<br><br>Għalhekk, Redlepus TSK Vektor qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 505. | Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd<br><br>biċ-Ċiniż:<br><br>厦门林巴贺航空发动机股份有限公司<br><br>magħrufa wkoll bħala Limbach Aviation<br><br>magħrufa wkoll bħala Xiamen Limbach Aircraft Engine Co., Ltd. | Indirizz: Part 2, Floor 6, No. 882-1, Lianting Road, Xiangan Industrial Park, Torch High-tech Zone, Xiamen City, People's Republic of China, 361100<br><br>Indirizz: Unit E, Unit 431, 4th Floor, Building C, Xiamen International Shipping Center, No. 93 Xiangyu Road, Xiamen Area, China (Fujian) Pilot Free Trade Zone, Fujian, People's Republic of China<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 20.11.2012<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 91350200051193084R<br><br>Telefon: 0086 - 592 - 5383060, 538305<br><br>Sit web: http://www.limbach.cn<br><br>Posta elettronika: sales@limbach.cn<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— OOO TSK Vektor, magħrufa wkoll bħala LLC TSK Vektor<br><br>— Redlepus TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co., Ltd<br><br>— Juhang Aviation Technology Shenzhen Co. | Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd (Xiamen Limbach) hija kumpanija Ċiniża li tipproduċi magni tas-serje L550 għad-droni. Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd ikkonsenjat tali komponenti lil IEMZ Kupol, sussidjarja tal-kumpanija tal-armi tal-istat Russu Almaz-Antey, li sussegwentement intużaw għall-manifattura ta' droni ta' attakk fuq distanza twila tat-tip Garpiya-3 (G3) għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn il-konsenji saru permezz ta' entitajiet oħra rreġistrati fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, b'mod partikolari Redlepus TSK Vektor Industrial (Shenzhen) Co., Ltd u Juhang Aviation Technology Shenzhen Co. Ltd.<br><br>Huwa ssuspettat ukoll li Xiamen Limbach kienet involuta fil-kondiviżjoni tad-disinn tal-magna L550 ma' entitajiet involuti fil-produzzjoni tal-magni tal-vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord Shahed-136. Id-droni Shahed ilhom jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, Xiamen Limbach Aviation Engine Co., Ltd qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2024 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 506. | LLC 'Leading Charter Technologies'<br><br>bir-Russu: ООО 'Ведущие Технологии Чартера' | Indirizz: Russian Federation, Moscow, Bolshaya Tatarskaya, 7k4, office 203<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br><br>Sit web: https://chartertech.ru/<br><br>Sit web: https://lct-uae.com/<br><br>Tel: +7 495 215-01-15<br><br>Posta elettronika: sales@chartertech.ru | LLC 'Leading Charter Technologies' hija kumpanija Russa li topera bħala kumpanija privata tat-trasport bl-ajru. Hija tikri inġenji tal-ajru biex jinżlu fi, jitilqu minn u jtiru fuq it-territorju tal-UE.<br><br>LLC 'Leading Charter Technologies' topera titjiriet mir-Russja lejn l-Unjoni Ewropea u mill-Unjoni Ewropea għar-Russja b'tali mod li tevita l-miżuri restrittivi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 billi tagħmel waqfa f'pajjiżi bħall-Ażerbajġan, l-Armenja u t-Turkija filwaqt li sadanittant tirreġistra mill-ġdid id-dokumentazzjoni tat-titjira billi tibdel id-dettalji tal-passiġġieri tat-titjira, u billi tikkanċella l-ajruporti fil-Federazzjoni Russa mill-pjanijiet tat-titjira.<br><br>Għalhekk, LLC 'Leading Charter Technologies' qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014. | 16.12.2024 |
| 507. | JSC 'Research and Production Corporation "Precision Instrumentation Systems"'<br><br>bir-Russu: АО 'НАУЧНО-ПРОИЗВОДСТВЕННАЯ КОРПОРАЦИЯ "СИСТЕМЫ ПРЕЦИЗИОННОГО ПРИБОРОСТРОЕНИЯ"'<br><br>АО 'НПК "СПП"'<br><br>magħrufa wkoll bħala JSC 'Research and Production Corporation Precision Systems and Instruments'<br><br>magħrufa wkoll bħala JSC 'NPK "SPP"' | Indirizz: 111024, Moscow, UL. AVIAMOTORNAYA, 53<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 16.10.2009<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1097746629639<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7722698108<br><br>KPP: 772201001<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC 'Research and Production Corporation "Precision Instrumentation Systems"', magħrufa wkoll bħala JSC 'NPK "SPP"', hija waħda mill-kumpaniji militari-industrijali ewlenin fir-Russja. B'mod partikolari din tipproduċi sistemi ta' inġenji tal-ajru bħal SEER, MOS, OES-52, OLS-container u OLS. Dawn is-sistemi tal-inġenji tal-ajru qed jintużaw f'inġenji tal-ajru militari Russi bħal SU-27 u l-ħelikopter ta' attakk KA-52, użati mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, JSC 'NPK "SPP"' qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. JSC 'NPK "SPP"' hija involuta wkoll f'settur ekonomiku (is-settur tad-difiża) li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. | 16.12.2024." |